

32001R1205

L 163/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.6.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1205/2001****tad-19 ta' Ġunju 2001**

**li jemenda għall-ewwel darba, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2488/2000 li jżomm fondi ffriżati fejn għandu x'jaqsam is-Sur Milosevic u dawk il-persuni assoċjati miegħu u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nri 1294/1999 u 607/2000 u l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 926/98**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2488/2000 ta' l-10 ta' Novembru 2000 li jżomm fondi ffriżati fejn għandu x'jaqsam is-Sur Milosevic u dawk il-persuni assoċjati miegħu u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nri 1294/1999 u 607/2000 u l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 926/98 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2488/2000 il-fondi kollha u r-riżorsi finanzjarji oħra miżmuma barra ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja li jappartjenu għas-Sinjur Milosevic u għall-persuni naturali assoċjati miegħu, għandhom jiġu ffriżati u dawn il-persuni m'għandhomx jagħmlu użu jew jibbenefikaw minnhom, kif elenkat fl-Anness I għar-Regolament. Il-Kummissjoni hija awtorizzata li temenda dak l-Anness, filwaqt li tagħti kas tad-deċiżjonijiet li jimplementaw il-Pożizzjoni Komuni 2000/696/CFSP <sup>(2)</sup>.

- (2) Permezz tal-Pożizzjoni Komuni 2001/155/CFSP <sup>(3)</sup>, il-Kunsill emenda id-dispożizzjonijiet tal-Pożizzjoni Komuni 2000/696/CFSP tiegħu fir-rigward tal-projbizzjoni mid-dħul fl-Unjoni Ewropea. Huwa għalhekk xieraq li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2488/2000.

- (3) Il-miżuri pprovdut f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2488/2000,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2488/2000 huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Ġunju 2001.

*Għall-Kummissjoni*  
Christopher PATTEN  
*Membre tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 287, ta' l-14.11.2000, p. 19.

<sup>(2)</sup> ĠU L 287, ta' l-14.11.2000, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 57, tas-27.2.2001, p. 3.

## L-ANNEX

## "L-ANNEX I

Milosevic, Slobodan	Ex-President tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, imwielew f'Pozarevac, Ir-Repubblika tas-Serbja, nhar l-20 ta' Awissu 1941
Gajic-Milosevic, Milica	Mart ibnu, imwielda fl-1970
Markovic, Mirjana	Martu, imwielda nhar l-10 ta' Lulju 1942
Milosevic, Borislav	Huh, imwielew fl-1936
Milosevic, Marija	Bintu, imwielda fl-1965
Milosevic, Marko	Ibnu, imwielew nhar it-2 ta' Lulju 1974
Milutinovic, Milan	President tas-Serbja, imwielew f'Belgrad, Repubblika tas-Serbja, nhar id-19 ta' Diċembru 1942
Ojdanic, Dragoljub	Ex-Ministru tad-Difiża, imwielew f'Ravni, Repubblika tas-Serbja, nhar l-1 ta' Ġunju 1941
Sainovic, Nikola	Ex-Deputat Prim Ministru, imwielew f'Bor, Repubblika tas-Serbja, nhar is-7 ta' Diċembru 1948
Stojilkovic, Vljako	Ex-Ministru ta' l-Intern, imwielew f'Mala Krsna, Repubblika tas-Serbja, fl-1937
Mrksic, Mile	Akkużat mit-Tribunal Internazzjonali tal-Kriminal għall-ex Jugoslavja (IT-95-13a), imwielew viċin Vrginmost, il-Kroazja, nhar l-20 ta' Lulju 1947
Radic, Miroslav	Akkużat mit-Tribunal Internazzjonali tal-Kriminal għall-ex Jugoslavja (IT-95-13a), imwielew nhar l-1 ta' Jannar 1961
Sljivancanin, Veselin	Akkużat mit-Tribunal Internazzjonali tal-Kriminal għall-ex Jugoslavja (IT-95-13a), imwielew viċin Zabljak, Ir-Repubblika tal-Montenegro, nhar it-13 ta' Ġunju 1953"

---